

# Il-kalamita tal-qniepen fil-Mellieħa

minn Raphel Micallef

Fl-1948 il-Malta Dry Docks kien għaddej minn kriżi minħabba l-imblokk tal-Kanal tas-Swejz fejn ħafna bastimenti li soltu jgħaddu mill-Mediterran u jidħlu Malta għat-tiswijiet issa naqsu sew, u għalhekk diversi ħaddiema kienu jiġu ssensjati minn xogħlhom fosthom jien li kont naħdem hemm bħala apprentenu mad-dipartiment tal-E.E.M. Wara xi ġranet bla xogħol kont sibt fejn naħdem xogħol temporarju mad-ditta Carmelo Muscat Electrical Managar mill-Belt. Din id-ditta kienet ħadet bħala kuntratt ix-xogħol fit-twaħħil tal-kalamita mal-qniepen tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa u jien flimkien mal-imgħallem tiegħi kont nitla' kuljum fuq iċ-ċinta biswit il-qniepen biex inewwel dak l-azzar tal-kalamita li ċertament dan kien jispiċċa fil-bir.

Għaddew 60 sena minn dan ix-xogħol u ta' tfajjel li kont kont nibża' f'dak is-sogru għoli u mhux l-ewwel darba kont nitlob il-protezzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa. Kont ukoll nitgħaxaq nisma' l-armonija tal-qniepen tal-Knisja Parrokkjali dedikata lil Marija Bambina fil-ħin ta' nofs in-nhar biex nirreċitaw l-Angelus Domini.